# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT Dr Michael Mallia LL.D.

**Seduta tal-lum il-Hamis 2 ta' Novembru 2000**

Citazzjoni numru 89/00MM

John Mary sive Jimmy Stellini

-vs-

Josephine sive Josette mart John Mary sive Jimmy Stellini minnu "de iure" separata

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur, fit-23 ta' Mejju 2000, fejn wara illi ppremetta illi fil-hamsa (5) ta' Dicembru tas-sena elf disa' mija u disgha u disghin (1999) twieldu minn Josephine sive Josette Stellini tewmin li nghataw l-isem ta' "Maria, Giuseppa u Antonella" u "Carmelo, Giovanni u Enzo" - rispettivament u l-att tat-twelid taghhom rispettiv gie registrat fir-Registru Pubbliku bin-numru tliet mija u tnejn u erbghin (342) u tliet mija u tlieta u erbghin (343) ta' l-istess sena;

Illi fiz-zewg atti tat-twelid hawn fuq imsemmija, l-omm iddikjarat illi t-tewmin huma ulied l-attur, tant illi fl-ewwel kolonna, taht l-intestatura "Taghrif dwar missier it-tarbija", hemm indikat illi l-istess tewmin huma ulied l-attur Jimmy Stellini li ghandu l-karta ta' identita numru 0213184M, bin Victor Stellini, imwieled Penrith, New South Wales, Australia u joqghod Kercem, Ghawdex, Malta.

Illi effettivament l-attur huwa r-ragel ta' l-omm it-twemin, izda mhux missierhom;

Illi fil-fatt l-attur kien ilhu zmien separat minn martu, il-konvenuta odjerna u fil-fatt fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Gunju 1999 kien gie ppubblikat il-kuntratt relattiv ta' separazzjoni konsenswali (atti Nutar Silvio Hili);

Illi l-konvenuta kkommettiet adulterju u hbiet it-tqala taghha mill-attur u l-attur kien inoltre f'impossibilta fizika illi jghammar ma' martu fiz-zmien bejn it-tliet mitt jum (300) u l-mija u tmenin (180) jum qabel it-twelid tat-tarbija.

Jghid ghalhekk ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti prevja okkorrendo illi jsiru l-ezamijiet mehtiega biex tigi stabbiita kull prova genetika li jkollha x'taqsam mal-filjazzjoni ta' l-imsemmija "Maria, Giuseppa, Antonella" u "Carmelo, Giovanni, Enzo" ahwa, ulied il-konvenuta

1. tiddikjara illi l-attur mhux il-missier la ta' "Maria, Giuseppa, Antonella" Stellini u lanqas ta' "Carmelo, Giovanni, Enzo" Stellini li twieldu minn Josephne sive Josette Stellini fil-hamsa (5) ta' Dicembru tas-sena elf disa' mija u disgha u disghin (1999) u precizament fit-12.45 u 12.50 tas-sbih tal-Hadd u li l-att tat-twelid taghhom gie registrat fir-Registru Pubbliku ghal Ghawdex bin-numri tliet mija u tnejn u erbghin (342) u tliet mija u tlieta u erbghin (343) tas-sena elf disa' mija u disgha u disghin (1999).

2. konsegwentement tordna l-korrezzjoni taz-zewg atti tat-twelid bin-numri progressivi ta' tliet mija u tnejn u erbghin (342) u tliet mija u tlieta u erbghin (343) tas-sena elf disa' mija u disgha u disghin (1999) fis-sens illi titnehha kull referenza illi hemm fl-istess atti tat-twelid li juru lill-attur bhala missier it-tewmin hawn fuq imsemmija u minflok jitnizzel li t-trabi huma wild ta' missier mhux maghruf jew ta' missier iehor skond ma jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ta' l-istess konvenuta ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa hija ingunta.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur minnu kkonfermata bil-gurament.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Josephine sive Josette fejn eccepiet:

1. illi hija ma topponix u qatt ma opponiet illi fic-certifikat tat-twelid ta' uliedha tewmin Maria u Carmelo ma jkun hemm l-ebda referenza ghall-attur bhala missier it-trabi u kwindi m'ghandha thallas l-ebda parti mill-ispejjez ta' din il-kawza.

2. Salvi eccezzjonjijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

Rat in-nota tal-konvenuta Josette Stellini li permezz taghha tammetti t-talbiet attrici,

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment ir-rizultati tad-DNA minn fejn irrizulta konklussivament illi l-ulied mhumiex ta' l-attur John Mary sive Jimmy Stellini, izda ta' certa Francis Pace.

Rat ukoll illi din il-konkluzjoni giet aderita mill-partijiet f'din il-kawza.

Peress illi jidhrilha illi t-talbiet attrici huma gustifikati, tiddeciedi l-kawza billi tilqa' l-istess talbiet, tiddikjara li l-attur mhux il-missier la ta' "Maria, Giuseppa, Antonella" Stellini u lanqas ta' "Carmelo, Giovanni, Enzo" Stellini li twieldu minn Josephine sive Josette Stellini fil-hamsa (5) ta' Dicembru tas-sena elf disa' mija u disgha u disghin (1999) u precizament fis-siegha neqsin kwart (12.45) u fis-siegha neqsin ghaxra (12.50) tas-sbih tal-Hadd u li l-att tat-twelid taghhom gie registrat fir-Registru Pubbliku ghal Ghawdex bin-numri tliet mija u tnejn u erbghin (342) u tliet mija u tlieta u erbghin (343) tas-sena elf disa' mija u disgha u disghin (1999).

Tordna l-korrezzjoni taz-zewg atti tat-twelid bin-numri progressivi ta' tliet mija u tnejn u erbghin (342) u tliet mija u tlieta u erbghin (343) tas-sena elf disa' mija u disgha u disghin (1999) fis-sens illi titnehha kull refernza illi hemm fl-istess atti tat-twelid li juru lill-attur bhala missier it-tewmin hawn fuq imsemmija, u minflok jitnizzel li t-trabi huma wild ta' Francis Pace.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

(ft.) Michael Mallia
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

vera kopja

Ghar-Registratur